# LAPSI F'ĠERUSALEM

Fl-Evanġelju ta' San Luka miktub li Ġesù tala s-sema minn fuq ġebel għoli, jew muntanja, qrib Ġerusalem.

Din il-muntanja hija dik infisha li fil-priedki hawn Malta jsemmuha l-muntanja taż-żebbuġ, imma li n-il-Ġetsemni, trid taqbad ti-telgħa, li hi wieqfa ħafna, u minn hemm tasal fuq ras il-muntanja minn fejn Ġesù tala' s-sema.

Fuq dan il-post, fl-antik ħafna kienet inbniet knisja li wara reġgħu waqqgħuha nies li ma kienux



L-Edikla mibnija fuq il-post minn fejn Kristu tala' s-Sema.

nies ta' Ġerusalem bil-lsien tagħhom, li jixbah ħafna lil Malti, jgħidulha Ġebel iż-Żejtun. Ġerusalem hija mdawwra bis-swar u fiha seba' bibien. Jekk toħroġ mill-bieb li jgħidulu Bab Sitti Mirjam, minn hemm sal-post mnin fejn Ġesù tala' s-sema, hemm qisu xi nofs siegħa mixi. Hemm bgħid daqs hekk, għax l-ewwel trid tinżel ġewwa l-Wied ta' Kedron; imbagħad, ħdejn Insara. Il-knisja kienet mibnija dawwara mejt, bħal knisja tal-Mosta. Il-lum minn flok il-knisja hemm bitħa, imdawwra wkoll, u f'nofs dil-bitħa hemm kappella żgħira, kemm joqogħdu fiha ħamsa u għoxrin jew tletin ruħ. Fl-art, ġewwa dil-kappella hemm biċċa blat mikxufa u fiha tidher ħofra tawwalija, donnha rifsa ta' sieq ta' bniedem. Jgħidu li dik hija r-

rifsa ta' sieq Ġesù li ħallieha tifkira tiegħu qabel ma tala' s-sema.

Mela din-kappella żgħira li semmejt hija tal-Misilmin, u huma jinqdew biha bħala moskija jew knisja tagħhom. Għax il-Misilmin jemmnu wkoll li Ġesù tala' s-sema, imma jgħidu li tala' s-sema qabel ma na l-passjoni. Dawna għandhom miktub fil-Bibbja tagħhom, jiġifieri fil-Quran, li Ġesù meta ġew għalieh il-Lhud fil-Ġetsemni, biddel wiċċu u l-Lhud qabdu lil Ġuda u sallbu lilu minn flok lil Ġesù. Ma għandniex xi ngħidu, il-għorrief tal-Misilmin jemmnu wkoll li Ġesù ssallab, imma ma jistgħux jgħiduh, billi ma hux miktub fil-Quran.

Din il-kappella, nhar Lapsi, sa mill-antik, iddum erba' u għoxrin siegħa f'idejn il-Franġiskani ta' Ġieżu, għax fl-antik, fil-Palestina huma biss kien hemm. Meta Ġerusalem ħaduha l-Misilmin, il-Patrijiet l-oħra li kien hemm kollha ħarbu. Il-Franġiskani, mela, l-ewwel ma jagħmlu, jibgħatu lil ħaddiema tagħhom jarmaw hemm, ġewwa dik il-bitħa, erba' tined kbar, bħat-tined tas-suldati. Tinda għal Patrijiet infushom, tinda għal xi kbarat li jitilgħu hemm fuq, bħal Konslijiet, Kummissarju tal-Pulizija, u hekk, li forsi jkunu jridu jistrieħu naqra, tinda għat-tfal li jkantaw fil-quddiesa u tinda oħra għal qawwasa, li jkunu għassiesa tal-Patrijiet. Iwaqqfu wkoll artal tal-għewwied ġewwa l-kappella li għedna u żewġ artali oħra barra, mal-ħajt tal-kappella, u ġewwa l-kappella jdendlu damask aħdar, bil-freneż tad-deheb. L-artal ta' ġewwa jżejjnuh ukoll, bil-kandlieri u salib tal-fidda u l-fjuri, kollox kif imur.

Il-Franġiskani, għal ħabta tal-ħamsa ta' wara nofs inhar jitilgħu bil-mixi għal fuq Ġebel iż-Żejtun, u magħhom jitilgħu wkoll għadd kbir ta' Insara minn Ġerusalem. Għadd kbir ma hux eluf, imma jista' jkun hemm xi mitejn u ħamsin jew tlett mitt ruħ, għax Ġerusalem ma fihiex wisq Insara.

Għal ħabta ta' nżul ix-xemx, il-Franġiskani u t-tfal ikantaw il-Għasar ġewwa dik il-Moskija magħmula kappella. Wara l-Għasar jagħmlu purċissjoni, billi jduru mal-kappella tliet darbiet, ikantaw il-Litanija t-twila, u l-Insara jimxu warajhom. Imbagħad, wara l-purċissjoni, il-Franġiskani jmorru jieklu ġewwa t-tinda tagħhom, fejn il-ħaddiema jkunu rmawlhom żewġ imwejjed baxxi, dojoq u twal u fuqhom ikun hemm ikel Għarbi. Ma' tul iż-żewġ imwejjed ikun hemm banketti baxxi, biex il-Franġiskani joqogħdu fuqhom. L-ikel Għarbi ma nafx isajjruhx Betfage, fejn il-Franġiskani għandhom kunvent żgħir, jew iġibuhx misjur u lest minn Ġerusalem. Wara l-ikel, il-Franġiskani u n-nies ukoll, imorru jduru dawra għar-rwieħ fuq il-muntanja, li fiha wetgħa kbira b'ħafna toroq u egħlieqi u siġar u x'erbat idjar. Minn hemm lil Ġerusalem iġġibha taħtek, u b'dawk id-dwal tat-toroq jiddu, tkun ħelwa wisq.

Kif joħorġu l-Franġiskani mit-tinda, il-ħaddiema jneħħu l-imwejjed u jarmaw sodod baxxi u dojoq, donnhom kataletti, imbagħad meta l-Franġiskani jerġgħu mid-dawra, jimteddu bil-ħwejjeġ b'kollox fuq dawk is-sodod. Ma naħsebx li jistgħu jorqdu, għax barra ma' ġenb it-tinda jkun hemm ħafna tgeġwiġ ta' nies, u kull mument

jgħajjtu lil xi patri għax ikunu jridu jqerru.

Malajr joqrob nofs il-lejl, u f'nofs il-lejl il-Franġiskani jqumu u jmorru fil-kappella jkantaw il-Matutin. In-nies jibqgħu barra, quddiem il-kappella, għax il-kappella żgħira ħafna u bil-kemm ikun hemm wisa' għall-Franġiskani u s-subjien tal-kant. Imma barra ma jkunx hemm bard, għax il-ħitan tal-bitħa għolja u għal hekk ikun hemm ħafna kenn. Wara l-Matutin titkanta l-quddiesa, ikantawha l-Franġiskani u t-tfal, kant Gregorjan. Wara l-quddiesa jkun qiegħed jisbaħ, għax f'Mejju jbakkar jisbaħ, u fuq ras il-muntanja s-sebħ aktar jidher malajr. U f'dak id-dawl tas-sebħ jibda l-quddies, barra u ġewwa l-kappella. Aktar ma jisbaħ, aktar in-nies tiżdied u l-quddies jibqa' sejjer, Franġiskani u qassisin oħra, iqaddsu wara xulxin, għax ikun hemm min jiġi mill-Ewropa biex iqaddes fuq il-post fejn Ġesù tala' s-sema. Il-bitħa tkun mimlija binnies, pajżana, patrijiet u sorijiet u tfal ta' l-iskejjel, bniet u subien. Min għar-rkubtejh jisma' l-quddies, min wieqaf jitħaddet u min bil-qegħda fuq xi ħaġra. Darba saħansitra rajt kelb, ħdejn il-bieb, ixomm lil kull min jidħol, ħalli jara min hu sidu. Tkun qisha xalata tal-Bambin. Fil-ġenb ikun hemm mejda u ma' dwarha bankijiet u l-ħaddiema tal-Franġiskani jagħtu kikkra kafè tajjeb bla flus, lil kull min irid.

Għal xi l-għaxra ta' fil-għodu jispiċċa kollox, u kull ħadd imur lejn id-dar, min bil-mixi, min bil-karozza u min riekeb fuq xi għerq ta' ħmara. U hekk Lapsi f'Ġerusalem jintemm.

PATRI PAWL.

## DUWA TAL-PALESTINA

*IL-ĦLEWWA.* — Iż-żerriegħa tal-ħlewwa hija duwa ħafifa u tajba wisq biex iżżomm il-bniedem qawwi sħiħ. Biex tnaqqas il-ħxuna, u biex tneħħi l-ilma żejjed li jkun hemm fil-ġisem, jew irjieħ mill-imsaren li jġibu wġiegħ ta' żaqq, għandek tagħmel hekk: inħet daqs pinta u nofs ilma ġewwa brajma tal-fuħħar ġdida (jew nadifa għall-aħħar) u qegħedha fuq in-nar u fettaħha tagħli. Hija u tagħli, ixħet fiha kuċċarina żerriegħa tal-ħlewwa, u neħħieha malajr minn fuq in-nar. Ħallieha tibred u terħi għal xi sagħtejn, imbagħad għaddi dak l-ilma minn biċċa musulina u agħtieh jixrob minnu lil min ikun jeħtieġ.

*WERAQ U ŻRAĠEN TAD-DWIELI.* — Il-weraq tari tad-dwieli tajjeb wisq għal min jinfaġar u għal kull xorta ta' telfien ta' demm, bħal disenterija u tisfija. Għal dan il-għan, il-weraq trid tgħallih u tixrob il-meraq tiegħu. Tista' taqta' l-weraq tari u tnixxfu, biex ikollok għas-sena kollha. Biex tneħħi l-irsipla (nefħa, ħmura u ħruq, f'xi mkien tal-ġisem) għandek tagħmel hekk: aħraq żewġ żraġen tad-dwieli u kif isiru qishom faħam, farrakhom u isħaqhom sewwa. Għaddi dak it-trab minn għarbiel tal-ħarir u ixħtu ġewwa ftit meraq tal-għeneb jew inbid abjad (irid ikun inbid naturali, inkella ma jkunx tajjeb għal dax-xogħol). Fetthu jagħli u neħħih minn fuq in-nar. Kif ikun għadu jaħraq, għaddas fih biċċa tal-għażel nadifa u qegħdha fuq l-irsipla, għal darba, tnejn, tlieta. Arġa' agħmel hekk wara ftit siegħat u f'jum, jew l-aktar, f'jumejn, l-irsipla tfieq. Biex tfejjaq malajr musmar, għaġen ftit laħam tal-għeneb misjur bi ftit kemm kemm żejt taż-żebbuġ. Idlek biċċa għażel żgħira u orbtu fuq il-musmar. Il-musmar jissaffa u jfieq f'qasir żmien.